



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0016/2013, imressqa minn Garson Graeme, ta' ċittadinanza Britannika, dwar is-sistema Ġermaniża tal-Assigurazzjoni fuq is-Saħħa

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta dwar l-arranġamenti tas-sistema Ġermaniża tal-assigurazzjoni tas-saħħa: li hi parzjalment tal-istat u parzjalment f'idejn is-settur privat. Huwa jemmen li s-sistema hija estremament inġusta għall-konsumatur. Huwa jilmenta li l-assiguraturi privati ma japplikaw l-ebda limitu fuq primjums (kontra l-assiguraturi tal-istat). Primjums tas-sistema tal-Istat huma stabbiliti bħala perċentwali tal-qligħ filwaqt li l-assiguraturi privatijistabilixxu l-primjums tagħhom stess u jaġġustawhom kull sena fuq bażi ta' qligħ u telf. Huwa jindika l-problema li għadd ta' assicuraturi privatijattiraw klijenti ġodda permezz ta' primjums baxxi li jiżdiedu drastikament matul il-ħajja tal-kuntratt sal-punt li dawn ma jkunux aktar pagabbli għall-konsumatur medju. Biex il-klijent jibdel l-assiguratur din tkun wisq ta' żvantaġġ. Huwa jemmen li dawk li ma jafux is-sistema (bħal ma huma l-barranin) huma partikolarment żvantaġġati, peress li huma jistgħu ma jkunux jafu kif taħdem is-sistema.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-10 ta' Settembru 2013. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-liġi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà soċjali tiddisponi għall-koordinament u mhux għall-armonizzazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali. Hija għaldaqstant il-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li hija responsabbli sabiex tistabilixxi l-kundizzjonijiet li fihom jingħataw il-

benefiċċji tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-ammont ta' dawn il-benefiċċji u t-tul taż-żmien kemm idumu jingħataw, dment li jirrispettaw il-prinċipju ta' trattament ugwali u nondiskriminazzjoni.

Il-kompitu ta' superviżjoni tal-kumpaniji privati tal-assigurazzjoni ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea, iżda taħt l-Awtorità Superviżorja Finanzjarja Federali tal-Ġermanja (*Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht, Graurheindorfer Straße 108, 53117 Bonn, il-Ġermanja*). Dan il-kompitu jieħu inkonsiderazzjoni l-fatt li kwalunkwe bidla fl-ammont pagabli tal-primjums lill-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa privati għandu jintlaħaq minn kontabilist indipendenti. Il-kompitu tal-korp superviżorju jinkludi wkoll il-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi.

Konklużjoni

L-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant ma turi l-ebda ksur tal-liġi tal-UE.